MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2008

Numru. 272/2002

**Il- Pulizja**
**(Spettur Therese Sciberras)**

**Vs**

**Alfred Vella**
**Fabius Ciappara**

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmija:

Alfred Vella ta' 50 sena, iben Carmelo u Carmela nee` Cauchi, mwieled Mellieha fid- 29 ta' Novembru, 1957 u residenti Nr. 10, 'Le Soleil', Triq il- Plejju, Mellieha, detentur tal- karta ta' l- identita bin- numru 18758M.

U

Fabius Ciappara, ta' 51 sena, iben Francis u Josephine nee` Borg, imwieled il- Mellieha fil- 11 ta' April, 1957 u residenti Flat 13, 'Hanover', Triq il- Migbha, Mellieha, detentur tal- karta ta' l- identita` bin- numru 299457M.

Akkuzati talli f' dawn il- Gzejjer, fil- Mellieha nhar it- 3 ta' Gunju, 2001 ghall- habta tal- hdax ta' filghaxija (23:00hrs):
1. Hebbew ghal- Emanuel Vella (I.D. 46455M) u kkagunawlu griehi ta' natura hafifa u dan kif iccertifikat mit- Tabib Dr. A. Micallef M.D. mic- centru tas- sahha tal- Mosta;
2. Akkuzati wkoll talli fl- istess post, data, hin, u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu l- hwejjeg ta' Emanuel Vella, u cioe` il- 'mobile phone' tal- marka 'Motorola Startek' liema hsara tammonta ghal- Lm270, il- mera tal- karozza tieghu tal- marka Peugot bin- numur LGY150 liema hsara tammonta ghal Lm18.93, u fil- qalziet tieghu liema hsara tammonta ghal Lm15.75c;
3. Akkuzati wkoll talli fl istess post, data, hin u cirkostanzi, bil- lejl, kisru l- mistrieh tan- nies b' ghajjat u glied;
4. U aktar talli fl- stess post, data, hin u cirkostanzi qalu fil- pubbliku kliem oxxen jew indicenti, kliem li jikkonsisti f' dagha jew espressjonijiet ta' dagha,
5. Akkuzati wkoll talli fl- istess post, data, hin u cirkostanzi ghamlu ingjura lil Emanuel Vella, billi ngurjawh bil- kliem 'Leli n- nanu...'

Il- Qorti giet mitluba biex jekk jidrilha xieraq, tipprovdi ghas- sigurta` tal- persuna ta' Emanuel Vella jew sabiex jinzamm il- bon ordni pubbliku, flimkien mal- piena jew minflok il- piena applikabbli ghar- reat, torbot lil Alfred Vella u Fabius Ciappara b' obbligazzjoni taghhom nnifishom taht penali ta' somma flus li tigi ffissata mill- Qorti.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-artikolu 221, 325(1)(b), 338(m), 338(bb), u 339(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti processwali.

Rat li f'l-udjenza mizmmuma minn din l-Qorti kif presjeduta l-partijiet irrimettew ruhhom ghall-atti u l-kawza giet differieta ghas-sentenza.

Ikkunsidrat

Illi r-reati adebieti lill-imputati huma dawk li hebbew ghal Emanuel Vella u kkawzawlu feriti ta' natura hafifa, li ikkawzaw hsara volontarja lill-istess Emanuele Vella, li bil-lejl kisru l-mistrieh tan-nies, li qalu kliem oxxenn u indicenti, u li ghamlu ingurja lil Emanuel Vella.

Illi tlieta minn dawn l-imputazzjonijet huma ta' natura kontravvenzjonali u ghalhekk preskrivibbli bid-dekors ta' tlett xhur mid-data tar-reat. Ir-reati allegatament gew kommessi fit-3 ta' Gunju 2001; konsegwentement l-imputati kellhom jigu notifikati bil-proceduri kontra taghhom sat-3 ta' Settembru 2001.

Illi d-difieza ma ssollevatx l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni pero l-preskrizzjoni hija kwistjoni ta' ordni pubbliku u tista' tigi sollevata mill-Qorti *ex officio* kif fil-fatt qed tigi sollevata.

Illi c-citazzjoni giet iffirmata mill-ufficjal prosekutur fid-9 ta' April 2002 u prezentata fir-Registru ta' din il-Qorti f'l-istess gurnata cioe fid-9 ta' April 2002. B'hekk jirrizulta ampjament li l-imputati ma setawx gew notifikati bil-kawza qabel id-9 ta' April 2002 u konsegwentement bil-fors gew notifikati wara d-dekors tat-tlett xhur mid-data ta' l-allegati reati.

Illi ghalhekk it-tielet, ir-raba u l-hames imputazzjoni huma preskritti.

Illi ghalhekk jibqa l-ewwel u t-tieni imputazzjoni x'jigu konsiderati, u cioe l-offieza volontarja fuq il-persuna ta'

Emanuel Vella u l-hsara volontarja ghad-dannu ta' l-istess Emanuel Vella.

Illi minn ezami tax-xhiedha jirrizulta li dak in-nhar ta' l-incident in kwistjoni, it-3 ta' Gunju 2001, kien hemm xi diverbju bejn Emanuel Vella u bin l-imputat Alfred Vella; dan sehh fil-ghodu u m'ghandu x'jaqsam xejn ma'l-incident mertu tal-kawza li sehh ghall-habta tal-hdax ta' fil-ghaxija. L-incident ta' filghodu jista jserva biss biex jitfa dawl fuq it-tip ta' relazzjoni li kien hemm bejn Emanuel Vella min-naha u l-imputati minn naha l-ohra u x'wassal biex inqala l-incident ta' fil-ghaxija.

Illi dwar l-incident mertu tal-kawza jirrizulta li Emanuel Vella ghandu negozju gestiet f'fond immedjatament agjacenti ghal fond fejn l-imputat Fabius Ciappara jiggestixxi negozju tieghu. Incidentalment agjacenti man-naha l-ohra tal-fond okkupat minn Emanuel Vella hemm l-ghassa tal-Pulizija tal-lokal cioe Mellieha. Ghall-habta tal-hdax ta' fil-ghaxija fil-gurnata in kwistjoni Emanuel Vella kien qieghed fuq bank man-naha l-ohra tat-triq/pjazza fejn hemm il-hanut tieghu. L-imputat Alfred Vella kien qieghed fil-hanut ta' l-imputat l-iehor Fabius Ciappara.

Illi dak il-hin Alfred Vella hareg mill-hanut ta' Ciappara. M'hemmx qbil jekk Alfred Vella harigx wahdu jew ma Ciappara pero jirrizulta li Alfred Vella zgur hareg biex ikellem lill Emanuel Vella. Hu zgur ukoll li meta hareg Alfred Vella qam argument ma Emanuel Vella tant li pulizija (l-Ispettur Silvio Valletta u l-Ispettur Joseph Hearsy) li kienu f'karozza fil-vicinanzi ndunaw li kien qed jigri xi haga.

Illi pero dawn huma l-unika zewg certezzi li jirrizultaw mill-process; il-persuni kollha li taw ix-xhiedha taghhom taw verzjoni differenti tal-fatti. Il-parte leza Emanuel Vella jghid li hargu z-zewg imputati mil-hanut ta' Ciappara, gew ghalih, bdew jghatuh bis-sieq u b'l-idejn, u waqqawh mal-art. L-imputat Alfred Vella jghid li hu biss hareg u l-imputat l-iehor Fabius Ciappara m'ghandu x'jaqsam xejn. Alfred Vella jghid ukoll li ma jiftakarx li Emanuel Vella waqa ma'l-art u li kien Alfred Vella li refa' jdejh fuqu. Fabius Ciappara

minn-naha l-ohra jghid li hu ma jafx x’gara meta hareg Alfred Vella mill-hanut tieghu ghaliex hu hareg biss meta ra l-karozza tal-pulizija.

Illi sfortunatament anke l-verzjonijet mghotija miz-zewg spetturi ma jaqblux.

Illi l-Ispettur Hearsey qal li sema xi ghajjat, hares, u ra ragel **jaqa** minn fuq il-bankina u tnejn minn nies li kienu boghod “minn hawn forsi int” (din il-Qorti kif presedjuta tifhem li qed tirreferi ghad-distanza bejn il-pedana tax-xhud u fejn kien bil-qeghda l-Magistrat li kien qed jippresjedi dakin-nhar).

Illi l-Ispettur Valletta jghid li ra kommozzjoni u nduna li kien hemm xi hadd jargumenta, tefaw id-dawl (tal-karozza taghhom) fuqhom u dawn in-nies “kif raw id-dawl … waqfu ghax … hasbu li ser intajruhom”. F’l-ebda parti tax-xhiedha tieghu ma qal li ra lill Emanuel Vella ma’l-art jew qed jaqa.

Illi mill-provi prodotti din il-Qorti ma tistax tasal, sal-grad rikjest mill-Ligi (cioe ‘l hemm minn kull dubju ragonevoli), ghall-konkluzzjoni li l-imputati jew xi wiehed minnhom ikkawzaw l-griehi u l-hsarat allegatament sofferti minn Emanuel Vella.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti fil-waqt li tiddikjara t-tielet, ir-raba u l-hames imputazzjoni preskritti u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom, ma ssibx lill-imputati hatja ta’l-ewwel u tat-tieni imputazzjoni u tilliberahom minnhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------